MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-3 ta' Lulju, 2009

Numru. 310/2008

PULIZIJA
SPETTUR CARMELO MAGRI
VS
RICHARD MUSCAT
CARLO MUSCAT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Richard Muscat ta’ 17il-sena, iben Mario u Fiona nee’ Azzopardi, mwieled fil-Pieta’ fl-10 ta’ Dicembru 1990, residenti fil-fond bl-isem ‘Lana’ Triq Efesu San Pawl-il Bahar u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 7391(M). Carlo Muscat ta’ 16-il sena iben Mario u Fiona Azzopardi mwieled fil-Pieta’ fis-7 ta’ Frar 1992 u residenti fil-fond bl-isem ‘Lana’ Triq Efesu San Pawl il-Bahar u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 106292(M).

Illi huma akkuzat talli b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b'resoluzzjoni wahda u cioe' talli:

1) Fit-18 ta' Frar 2008 ghall-habta ta' nofs siegha ta' filghodu mill-hanut bl-isem 'J & M Self Service Store' li huwa sitwat fi Triq Mosta San Pawl il-Bahar, ikkommettew serq ta' flus kontanti, sigaretti u oggetti ohra ghad-dannu ta' Brian Camilleri. Liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jeccedi l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37) u bil-hin;
2) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta' l-istess Brian Camilleri, liema hsara tammonta ghal izjed minn mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€ 116.47) izda ma tiskorrix l-elf mija u erbgha u sittin ewro u disgha u sittin centezmu (€ 1,164,69);
3) F'xi hin matul il-lejn ta' bejn is-6 u s-7 ta' April 2008 mill-hanut bl-isem, 'Long Life Grocery' li huwa sitwat fi Triq Sant'Aristarkus San Pawl il-Bahar, ikkommettew serq ta' flus kontanti u diversi oggetti ta' l-ikel ghad-dannu ta' Rami Hamid. Liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37) u bil-hin;
4) Fl-istess data, hin, lok u crikostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu ta' l-istess Rami Hamid, liema hsara tammonta ghal izjed minn tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€ 23.29) izda ma tiskorrix il-mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€ 116.47);
5) Fil-5 ta' Marzu 2008 u/jew matul ix-xhur ta' qabel din id-data, mill-lukanda 'Belsol' li hija sitwata fi Triq is-Sajjied San Pawl il-Bahar ikkommettew serq ta' safe tal-marka 'Anglosafe Compact' ghad-dannu tad-dirigenti ta' l-imsemmija lukanda. Liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li ma jeccedix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€ 2,329.37) u bil-hin;
6) Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor,

mobbli jew immobbli, ghad-dannu tad-dirigenti ta’ l-istess lukanda, liema hsara tammonta ghal izjed minn tlieta u ghoxrin ewro u dusgha u ghoxrin centezmu (€ 23.29) izda ma tiskorrix il-mija u sittax-il ewro u sebgha u erbghin centezmu (€ 116.47);
7) Fl-istess dati u cirkostanzi, xejntement laqghu ghandhom jew xtraw hewjjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, sew jekk sar f’Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b’kull mod li jkun, indahlu biex ibieghulhom jew imexxuhom.
8) U finalment talli fl-istess dati u cirkostanzi, kisru l-kundizzjonijiet ta’ l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta li gew imposti fuqhom b’sentenza datata 28 ta’ Frar 2007 moghtija mill-Magistrat Dott. Anthony Vella LL.D.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputati;

Semghet il-konferma ta’ l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Rat l-Artikoli elenkati mill-Avukat Generali (fol.205) taht liema Artikoli din il-Qorti tista’ ssib htija fl-imputati;

Rat il-Verbal tad-9 ta’ Frar 2009 fejn l-imputati ma sabux oggezzjoni li jigu gudikati minn din il-Qorti;

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi kif jirrizulta mill-atti processwali fil-konfront tat-tmien (8) akkuza u cioe ksur ta' Probation Order moghtija fis-sentenza datata 28 ta' Frar 2007, mis-sentenza ezebita fl-atti Pulizija vs. Richard Muscat jidher car illi diga' giet skontata il-piena ghal ksur ta' tali Ordni ta' Probation. L-istess jinghad ghall-imputat Carlo Muscat fejn permezz ta' sentenza ta' l-1 ta' Settembru 2008, inghata piena ghal ksur ta' l-imsemmija Probation Order.

Illi ghaldaqstant fuq l-istess ammissjoni taghhom, il-Qorti ssib lil Richard Muscat hati ta' l-ewwel (1) minghajr l-aggravju tal-valur, hati tat-tieni (2), it-tielet (3), ir-raba (4), il-hames (5) u s-sitt (6) akkuza; issib lill-istess Richard Muscat mhux hati tas-seba' (7) akkuza u cioe dik ta' ricettazzjoni stante illi hija akkuzat alternattiva ghal dawk ta' serq, u ssib lill-imputat mhux hati tat-tmien (8) akkuza (u cioe dik ta' ksur ta' kondizzjoni ta' Ordni ta' Probation) ghal ragunijiet fuq moghtija u ghaldaqstant tilliberah mis-seba' (7) u mit-tmien (8) akkuza u wara li rat l-Artikoli 18, 261(b)(f), 263, 264, 265, 266, 270, 279, 280, 281 u 325 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lil Richard Muscat taht Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' tlett (3) snin taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat. In oltre', il-Qorti ssib lil Carlo Muscat, mhux hati ta' l-ewwel (1), t-tieni (2) akkuza, u tat-tmien (8) li minnhom tilliberah, izda hati tat-tielet (3), ir-raba (4), il-hames (5), u s-sitt (6) akkuza u hati tas-seba' (7) akkuza b'referenza biss ghas-serqa indikata fl-ewwel (1) akkuza minghajr l-aggravju tal-valur u wara li rat l-Artikoli 261(b)(f), 263, 264, 265, 266, 270, 278, 279, 280, 281, 325 u 334 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 7 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-imputat Carlo Muscat taht ordni ta' Probation ghal perijodu ta' tlett (3) snin taht is-sorveljanza tad-Direttur tal-Probation Services jew Probation Officer iehor minnu nominat li ghandu jirraporta lil Qorti kull sitt (6) xhur fuq il-progress o meno taz-zewg imputati u dana sat-tmiem tal-Probation Order.

Il-Qorti taghmel accenn illi z-zewg imputati kienu diga' gew assenjati Probation Officer Carmen Nygaard.

Il-Qorti akkordat il-Piena fuq imsemmija wara illi semghet lil Probation Officers diversi drabi fil-mori tal-kawza fejn iddikjaraw illi z-zewg zghazagh ghamlu progress konsiderevoli u deheru illi tghallmu l-lezzjoni meta servew zewg sentenzi ta' prigunerija ta' ftit xhur fil-mori tal-kawza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------